# Is-Snajja' tan-Newl u tal-Bizzilla fl-Għarb man-Nisġa taż-Żmien

Miġbur minn Dr. Consiglia Azzopardi

L-Għarb hu ffurmat mill-inħawi 'ta' wara l-muntanji', kif inhi magħrufa l-ponta fil-ġewwa nett tal-gżira Għawdxija, miftuħa għal ġol-Majjistral bil-baħar u n-naħa l-oħra mkenna bl-għoljiet Ta' Ġordan, Ta' Għammar u Ta' Dbieġi. Baqa' sal-lum primittiv, anke fid-djalett, imma l-aktar fis-snajja' mħaddma skont it-tradizzjonijiet tal-post.

Jaħsbu li minn din in-naħa kienu daħlu l-ewwel nies tal-gżejjer Maltin meta fil-Preistorja waslu fuq ċattri minn Sqallija u ġabu magħhom xi annimali bħal ngħaġ, mogħoż u żrieragħ. Insibu, minn dan iż-żmien, ħwat imħaffrin fil-blat fuq ir-riħ tal-Wied il-Kbir ftit 'il fuq mit-torri tad-Dwejra. Kienu identifikati dan l-aħħar mill-professuri C.J.Jaccarini u Maurice Cauchi li jaħsbu li l-funzjoni tagħhom kienet l-għasir taż-żebbuġ jew tal-għeneb; aktarx kienu wżati wkoll biex jiżbgħu ħajt u drapp bil-koralli. Mhux ta' b'xejn li dawn l-inħawi baqgħu għal sekli sħaħ jistagħnew mix-xogħol tar-raba bagħli, mill-bhejjem u mis-snajja' relatati.

### Dik Żgugina, mara Għawdxija, kienet toqgħod l-Għarb 'il ġew ...

X'tgħidilna din il-leġġenda? Naturalment tfakkarna fil-ħbit tal-furbani meta dawn kienu jaqbdu l-art u jġorru lura fil-jasar nies u kulma jsibu jgħodd għalihom. Dan għaliex sa mill-bidu f'dawn l-inħawi kien isir użu mill-port tad-Dwejra, li sa żmien De Soldanis kienu jsibuh bħala 'Kap San Dimitri':

*Fil-21 ta' Diċembru tal-1607 wasal Għawdex f'Kap San Dimitri, Andri Anfus, ġeneruż, fuq daqsxejn ta' qoxra li bilkemm kienet tifilħu. Xħin niżel l-art qal li kien wasal qawwi u sħiħ b'miraklu tal-Madonna.* (Farrugia, *Għawdex Bil-Ġrajja Tiegħu,* De Soldanis, l-I Ktieb, p105)



Minbarra t-traffikar tal-ilsiera għandna nifhmu li, bħalma jiżviluppa madwar kull port, minn hawn kien jgħaddi wkoll il-kummerċ l-iktar ma' Sqallija, ta' prodotti agrikoli bħalma kien iż-żejt taż-żebbuġ, l-inbid, il-ġobon, is-suf tan-ngħaġ u d-drappijiet minsuġa. Il-fungu li jikber fuq dik li llum tissejjaħ il-'Ġebla tal-Ġeneral' kien stmat wisq u fi żmien il-Kavallieri kien jifforma parti mill-kummerċ t'Għawdex.

Id-dokument misjub minn Joseph Bezzina fl-NAG (Il-Miżjura, 2015, ħarġa Nru 4, p22-24) jgħid li qabel l-Assedju tas-sena 1551 diġà kien hemm kappella ta' San Dimitri, u jsemmi lill-Għawdxi Leonardu Bongabino u lill-familja Għawdxija tal-*Kamri*li kienet toqgħod Sqallija u li kellhom kwistjoni fuq l-art li tmiss mal-kappella. L-ismijiet Sqallin u l-Għawdxin li joqogħdu Sqallija jindikaw kummerċ ma' Sqallija, li wassal biex fl-Għarb kien hemm min stagħna. Fosthom kien hemm il-familja Apap, waħda mill-iktar familji privileġġjati tas-seklu sittax, li minnha ħarġu benefizzji għal dawk li jġibu l-kunjom Apap, bħal dak imsejjaħ 'tad-Dwejra' imħolli minn Alojsjo Apap fl-1502, u minn Andreottu Apap wieħed fl-1596 imsejjaħ 'ta' L-Għarb' u ieħor fl-1602 imsejjaħ 'tal-Wieri' (Farrugia, *Għawdex Bil-Ġrajja Tiegħu* De Soldanis, it-II Ktieb, p124).

Meta battew il-ħbit tat-Torok, l-inħawi ħadu r-ruħ, il-popolazzjoni kibret u x-xogħol stagħna. Inbnew it-torrijiet għad-difiża, wieħed mal-kosta tad-dwejra u ieħor fid-daħla tal-Għarb, illum ħdejn is-siġra tal-Għasri, proprjament biex iħares liċ-Ċittadella. Inbnew l-imtieħen tat-tħin tal-qamħ, mhux tar-riħ biss imma ħafna oħrajn fi djar 'l hawn u'l hinn u bihom kien jiddobba kulħadd. Kien hemm il-fran għall-ħami tal-ħobż, nies tas-sengħa bħal ħaddieda, skarpana, mastrudaxxi li kienu jaħdmu l-għodda għar-raba, u negozjanti għax-xiri tal-prodotti.

L-ewlenin familji kienu miġbura lejn ix-xaqliba tal-baħar, jiġifieri f'San Lawrenz, Santu Pietru, Birbuba u firxiet lejn Wara t'Għammar, għalhekk il-kappelli nbnew hawnhekk. L-eqdem waħda, sa minn qabel l-1432, kienet tal-Madonna tad-Dawl fuq l-għolja ta' Dbieġi li kienet miżmuma b'għożża kbira u ħafna nies kienu jmorru jinviżtawha. Mons. Pietru Dużina fl-1575, sab tmienja, fosthom waħda f'ta' Madliena, Għammar. Meta fl-1635 l-Isqof Baldassare Cagliares

għamel Viżta Pastorali, fi Triq Birbuba sab knisja ta' Sant'Anton Abbati, li għaliha Pawlu Apap kien ħalla tomnejn raba biex fil-festa tal-qaddis jitqassam il-ħobż lill-foqra. Dan ifisser li r-raħal ma kienx fqir u kien hemm sidien li kienu jifilħu jibnu l-kappelli u jħallu *beni* bħala dħul biex jinxtegħel iż-żejt u ssir il-festa. Meta kienu jitilgħu l-art il-furbani, l-ewwel li kien jinsteraq minn dawn il-kappelli kien il-bieb u jekk jitħallew mitluqa kienu jiġu kkundannati mill-Isqof.

Fl-okkażjoni tal-Vista Pastorali li għamel l-Isqof Luqa Bueno fl-Għarb, fl-1667, saret talba biex tibda titqaddes quddiesa fil-Ħdud u l-festi kmandati f'waħda mill-knejjes tal-qrib billi f'dawk l-inħawi kienu joqogħdu madwar 300 ruħ u kellhom ħafna bogħod għall-knisja Matriċi. Ħafna kienu fqar hekk li ma kellhomx ħwejjeġ biex ibiddlu ħa jmorru l-belt, oħrajn ma kinux jifilħu jimxu; kienu jridu jitilqu fid-dlam biex jilħqu jaslu bil-mixi fil-ħin għall-quddiesa u n-nisa fit-triq sikwit kienu jiltaqgħu mal-periklu għax jagħtuhom fastidju. Dan il-permess ingħata fl-1678 lill-knisja ta' San Lawrenz u tal-Assunzjoni tal-Madonna Ta' Pinu. Fl-aħħar, fid-29 t'Awwissu tas-sena 1679, l-Isqof Molina xandar id-digriet li bih fired mill-Matriċi l-parroċċa tal-Għarb, u l-knisja kellha tkun dik tal-Virtù (taż-Żejt) li l-festa tagħha kienet issir fit-2 ta' Lulju f'jum il-Viżitazzjoni tal-Madonna, bl-ewwel kappillan Dun Ġamri Camilleri. Xi għoxrin sena wara l-poplu tal-Għarb talab permess lill-Gran Mastru Fra Rajmondu Perellos biex tingħata biċċa raba biex fuqha jsir il-bini ta' knisja parrokkjali ġdida. Il-bini dam sejjer 15-il sena u tbierket fit-30 ta' Novembru 1729 mill-Isqof Pawlu Alpheran.

Dikment beda jinħema l-ħsieb li din il-knisja issir kolleġġjata. Joseph Galea, fl-artiklu *Il-Ħolma u l-Proġett Hasciak* (Il-Miżjura, 2015, ħarġa Nru 4, p16-19) jispjega tajjeb kemm stinkaw il-qassisin tal-parroċċa, ġabru flus u ħallew raba biex iwaqqfu l-kanonikati. Għalkemm iltaqgħu ma' ħafna tfixkil irnexxielhom jaslu sa fejn waslu għax kellhom il-ġid, l-iktar il-familja ta' saċerdoti Hasciak li ħallew kollox għall-knisja sa ma fl-1774 raw isseħħ il-ħolma. Mhux hekk biss, tant kienu moħħhom miftuħ li Dun Lawrenz Hasciak ħalla l-flus biex jitħallas għalliem u tiftaħ l-ewwel skola li damet isservi lin-nies tal-Għarb 50 sena sa ma fetħet tal-Gvern fl-1859.

## Ir-Rakkolti għall-knisja

Iż-żmien jgħaddi, marru l-Kavallieri, telqu l-Franċiżi, u ġew l-Ingliżi. Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Virtù kompliet tikber u fl-1853, il-Vigarju Kurat Dun Ġużepp Agius ġab permess mingħand l-Isqof Publiju N. Sant biex issir il-vara tal-Viżitazzjoni. Inħadmet mill-Imgħallem Ġużepp Vella mill-Belt Valletta u swiet 200 skud; il-flus waslu permezz ta' ġbir mill-parroċċani. Sa l-Avukat magħruf Sir Adrian Dingli li kellu nanntu mill-Għarb ħareġ 100 skud. Qabel ġabuha, ħaduha fil-palazz tal-Isqof ta' Malta (Għawdex kien għad ma sarx djoċesi) biex iberikha u taha l-indulġenzi; wara ħaduha fil-Knisja tal-Erwieħ tal-Belt Valletta fejn ġiet esposta għall-qima tan-nies mill-Għarb li kienu Malta biex jifirħu magħhom huma wkoll.

Matul dawn it-300 sena ta' parroċċa, il-flus kollha minn fejn kienu jiġu? Kienu jsiru *rakkolti*, jew ġbir bieb bieb tal-prodotti tar-raba biex jinbiegħu u l-flus imorru għall-knisja. Ir-reġistri tal-knisja mill-ewwel snin sa qisu nofs is-seklu 20, sena wara l-oħra, dejjem baqgħu jsemmu l-istess *rakkolti;* waħda tal-qamħ, waħda tas-silla u tnejn tal-qoton – f'Novembru u għall-ħabta ta' Lulju (qrib il-festa). Fir-reġistru kien jitniżżel ukoll meta kultant ir-rakkolta tinqabeż għax tkun sena ħażina minħabba l-iskarzezza tax-xita. Dawn kienu s-snajja' prinċipali li fuqhom kienet isserraħ l-ekonomija tal-post.

## Għażżiela u Nissieġa

In-nies kienu jaħdmu, bi nhar ibakkru kmieni fir-raba u flgħaxija jinġabru fl-irziezet għas-sahra. F'din ix-xaqliba ta' Għawdex ir-raba bajjad kienu jsibuh tajjeb għat-tkabbir tal-qoton. In-nies tant kellhom sengħa għalih li ma kinux iħallu rokna art mhix maħduma. Missieri kien jgħid li abjad jew aħmar kienu jkabbruh 'il bogħod minn xulxin biex ma jiddakkarx. L-ewwel jofsdquh mill-ġewż u mbagħad jaħilġuh, jiġifieri joħorġu ż-żerriegħa mill-qoton. Kien hemm id-daqqaq li bl-ark kien jinfex il-maħluġ u jġibu tajjar. Bħala negozjant kien jixtri l-maħluġ, idoqqu u jqassmu bid-djar biex jagħżluh, imbagħad jerġa' jdur jiġbor l-għażil.





Kien ix-xogħol tan-nisa li jagħżlu t-tajjar. Biż-żmien ivvintaw ukoll ir-raddiena (*spinning-wheel*) u min kien jaf jaħdem biha kien iħaffef fix-xogħol. Anke fl-għalqa ġieli kienu joħduha magħhom meta kienu joħorġu jirgħaw in-ngħaġ. Barra mill-ġerrejja kienu jagħmlu l-imraden u l-lenbub (ikebbu l-ħajt fuq biċċiet tal-qasab) li kienu jużaw fin-newl. Ġara li kien hemm min kien tajjeb biex jagħżel u min biex jinseġ. L-insiġ kien isir fuq biċċa apparat jissejjaħ 'newl' li jkollu l-ħajt mimdud vertikali jissejjaħ 'mitwa' (bl-Ingliż *warp*), u l-ħajt li jinħadem bl-linji orizzontali (bl-Ingliż *weft*).

L-Għarb kien magħruf ħafna għall-insiġ tad-dublett 'Ta' Mitt Lembuba' li kien dublett bil-faxxi aktarx fuq skala ta' ikħal u d-disinn joħroġ skont kif il-ħajt kienu jgħadduh min-nir u l-moxt. Ftit kien hawn min jaf jagħmel il-mitwa, dawk il-waħdiet biss magħrufa għas-sengħa. Il-bqija ma kienx diffiċli titgħallem kif tirfes il-pedali skont id-disinn, u kien hawn ħafna li kienu kapaċi joħorġu ġmiel ta' nsiġ. Tista' tgħid li f'kull dar kien ikun hemm newl, bħalma għadna nsibu fil-mużew ta' Frenċ u ta' Karmni Grima. Sa l-irġiel kienu jaħdmu fuqu bħalma qalli Ċikku Cauchi tan-Namrat meta diġa kien għalaq il-100 sena:

*Flgħaxija xħin nidħlu d-dar mir-raba konna nagħmlu s-sigħat ninsġu. Fl-isqaq tal-Arċipriet, wara l-Ave Marija ma kontx tisma' ħlief tisbit fuq l-inwiel għax hawnhekk kulħadd kien jishar: min jinseġ, min jagħżel u min ifesdaq il-bjad fid-dawl tal-lampa dak iż-żmien ...u nies jgħidu r-rużarju u l-kurunelli.*

L-iżjed li kienu jaħdmu kien il-'fustan' u minnu kienu jagħmlu l-ilbies kemm tan-nisa u tal-irġiel – it-terħa, il-ħorġ, il-barjola, u l-għata bħal imtieraħ, imħaded, lożor, investi u gvieret. Kienu jżewqu bil-faxxi tal-kulur, l-iktar bl-ikħal. In-nannu Wiġi Cini (1881-1972) mill-Għarb kien jgħid li kien jieħu t-tajjar Ħaż-Żebbuġ Malta biex jiżbgħu ikħal għax kien hemm nies tas-sengħa. Fiha studju din tal-kuluri, għax, milli jidher, dawn l-inħawi kellhom id-disinn karatteristiku tagħhom. Kienu jitgħallmu minn xulxin u t-teknika baqgħet dejjem għaddejja tradizzjonalment minn ġenerazzjoni għal oħra. Dnub li nqerdet għalkollox.

L-istess kienu jagħmlu mis-suf tan-ngħaġ għax dawn minbarra l-ġbejniet friski, moxxi u tal-bżar, jipproduċu wkoll suf sabiħ li minnu toħroġ il-fibra twila; dak tal-wiċċ ikun l-iżjed aħrax u kien jintuża għall-insiġ tal-fradi jew tal-qlugħ, tan-nofs artab u tajjeb għall-ħdim tal-ħwejjeġ, u ta' ġewwa l-iktar merħi u x'aktarx qasir kien jintuża biex jimlew l-imtieraħ tas-suf jew l-imħaded. Kienu jinqalgħu kif iġiżżu; biex iħallu l-ġeżża biċċa waħda u ma jqattgħux is-suf; jaħsluh il-baħar u jnixxfuh fuq il-blat taż-Żirka. Flgħaxija kienu jtellgħuh id-dar niexef ġo xkora fuq rashom, bil-mixi.

## Il-Ħajjata

Marbuta mal-insiġ kien hemm sengħa oħra – dik tal-ħjata. Naturalment dak iż-żmien il-ħjata kienet issir kollha bl-idejn jiġifieri bil-labra u l-ħajta qabel ma tfaċċaw l-ewwel magni lejn l-1900. Mhux kulħadd kien iħit, imma mill-ftit ilbies antik li rnexxielna nsalvaw naraw kemm l-antenati tagħna kienu nies tas-sengħa. Għalkemm id-drappijiet minsuġa ma kinux daqstant fini imma l-ħjata kienet retta għall-aħħar, bil-punti tal-ħjata żgħar kollha ndaqs, u mhux minn fuq biss imma anki l-inforra u t-tixkik min-naħa ta' taħt! Fuq kollox nammira l-ħila li kellhom biex jixxempjaw, għax fis-sempliċità rurali kienu kapaċi jirriproduċu l-istil tal-ħwejjeġ tan-nobbli magħmulin minn drappijiet fini tal-brokkat jew tal-bellus.

Naturalment għall-użu tagħhom kienu jżommu



biss kemm jiddobbaw, il-ħwejjeġ kienu jservu għomor, u jintirtu wkoll, speċjalment dawk tal-Ħadd. Il-bqija, anzi l-aħjar, kien jinbiegħ u jżommu għalihom l-inqas sabiħ jew b'xi żball, (għalkemm fin-newl ukoll kienu joftqu l-iżball!). In-nies kien moħħhom jilħqilhom, ma kinux ibigħu kull ma jkollhom, għax dejjem kienu jaħsbu għal li jista' jinqala'. Kienu jżommu qoton maħżun biex ikollhom biżżejjed x'jagħżlu u x'jinsġu s-sena kollha, anki għas-sena ta' wara fil-każ li ma tagħmilx xita u l-qoton ma jirnexxix. Meta s-swieq ta' barra ma kinux tajba kienu jżommu l-insiġ jistennew żmien aħjar. Kollox juri għaqal u ġabra - karatteristika li għadha tinħass fil-mod ta' kif jirraġunaw in-nies ta' din in-naħa.

## In-Negozjanti

Hawnhekk tidħol industrija oħra, dik tan-negozjanti, li kienet aktarx l-iżjed waħda li ħalliet qligħ ta' flus f'Casal Garbo kif kien magħruf l-Għarb minn żmien il-Kavallieri. Il-qoton kien jinbiegħ f'maħluġ (*meccalaggio*), magħżul (*filato*),minsuġ (*tessuto*), u ħwejjeġ meħjutin lesti bħalma kienu l-*corpetti*, l-*gilecchi* u l-*gonnelli*. jew maħduma bħalma kienu l-brieret. Fl-antik, in-negozjanti tal-Għarb aktarx li kienu jitilqu bil-prodotti bil-baħar dritt lejn Sqallija. F'xi dokumenti tad-dwana ta' Malta tas-seklu 18 insibu li l-prodotti tal-qoton u l-insiġ kienu qed jiġu esportati fi kwantitajiet kbar lejn Spanja. Is-sidien ta' dawn l-espedizzjonijiet bil-brigantini (vapuri żgħar) saru sinjuri għax min kien imdaħħal fil-kummerċ tal-qoton kien bħal qisu min jinnegozja fiż-żejt illum.

Ma nistagħġibx li xi negozjanti mill-Għarb kienu wħud minn dawn, jew li għallanqas xi qassisin tal-lokal kellhom xi ishma investiti fihom. Tħassibni ħafna ż-żjara tal-Gran Mastru A. Manwel de Vilhena fl-1725. Skont informazzjoni ta' Dun Salv Camilleri tas-Sajf (1926-1999), "dam ħamest ijiem Għawdex, kien joqgħod fil-kunvent ta' San Franġisk ir-Rabat u qassam ħafna flus. Fosthom kien ħareġ 50 skud għall-kwadru titulari tal-Għarb". Min jaf kif issemma' l-Għarb, jew jekk ġiex jistħarreġ fuq l-industrija t'hawnhekk? Meta ngħaqqdu ħaġa m'oħra naraw li dan il-Gran Mastru dik il-ħabta kien qed jippjana li jiftaħ *Casa D'Industria* kif fil-fatt għamel f'qasir żmien fil-Florjana. Din kellha tkun fabbrika u skola ta' apprentistat tas-snajja' ta' dak iż-żmien, prinċipalment tal-insiġ u l-prodotti tal-qoton, li tant kienu qed iħallu qligħ meta jiġu esporatati.

## Il-Kabozza

Din il-biċċa lbies ta' nsiġ baqgħet sal-aħħar marbuta mal-Għarb. Meta konna tfal niftakarna ninbxu lin-nannu, li mbagħad kien ikun bilqiegħda mhux



aktar bil-kabozza imma bil-kapott tal-militar fuq spallejh, waqt li nkantawlu:"Nannu xiħ bil-kabozza u bil-muftieħ", sakemm fl-aħħar kien iqum għalina. Mur għidli li kelli nixjieħ biex insir naf li l-'kabozza u l-muftieħ' jirrappreżentaw l-awtonomija li kienu jgawdu l-irġiel fl-Għarb.

Skont il-Professur Ġużè Cassar Pullicino, magħruf għall-istudju fuq il-folklor Malti, il-kabozza hija riproduzzjoni tal-mantar jew *ferraiolo* magħmul minn pannu rikk, li kien jintlibes min-nobbli, kavallieri jew negozjanti sinjuri bħala simbolu ta' awtorità. Il-Gran Mastru kien ta' spiss jikkundanna dan il-mantar minħabba li biex iħituh kien jieħu ħafna drapp li jqum il-flus, u b'hekk kienu qed jintefqu spejjeż bla bżonn fil-lussu żejjed. Biex ma jaqgħux taħt il-kundanna tal-bandu, bidlu l-istil tal-mantar u minn kappa wiesgħa ħolqu l-'kapott'. Dan kellu tifsila dritta biż-żieda tal-kmiem u baqa' xorta bil-barnuż, bit-tul sa nofs il-pixxul u bl-istess kwalità ta' pannu rikk. Eżatt bħall-kabozza imma minflok minsuġa tal-pannu.

Il-kabozza assoċjat ruħha mal-Għarb probabbli għax hawnhekk kienu jaħdmuha, jekk mhux ukoll ivvintawha; bħala raħal xi ftit konservattiv, kienu l-aħħar nies li baqgħu jilbsuha kontra l-kesħa fix-xitwa. L-ewwel kienu jinsġu il-quddimin u l-wara f'tul wieħed, wisa' ta' farda, bis-suf tan-ngħaġ magħżul oħxon ħafna. Il-kmiem u l-barnuż kienu jinsġuhom għalihom u jħituhom wara. It-tberfil tagħha mad-dawra tal-barnuż u l-quddimini kien ikun mill-insiġ tat-tajjar ikħal għax dan il-kulur kien l-iżjed stmat.

Ma kellhiex qfil għax kienet titħalla miftuħa. Aktarx li l-kmiem ma kinux jilbsuhom imma kienu jitfgħuha biss fuq spallejhom filwaqt li jdaħħlu l-barnuż f'rashom. Anton F. Attard isemmi li fil-funerali kienu jilbsuha bil-maqlub bil-kmiem ġewwa. Meta ma baqgħetx moda, bdiet tintuża fil-wiċċ fuq il-friex bħala għata. Il-muftieħ li jissemma' fit-taqbila jfisser awtorità, sid li għandu s-setgħa li jsakkar u jiftaħ il-bieb ta' djar u oqsma tar-raba', mela kien sinjur!

***Ikompli fil-ħarġa tas-sena d-dieħla...***